# Il-Frott

**Qabbel l-isem tal-frott mal-istampa:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ħawħa |  | banana |  |
| ċirasa |  | kiwi |  |
| larinġa |  | għeneb |  |
| lumija |  | frawla |  |
| lanġasa |  | tuffieħa |  |

**<u>Min Jien?</u>**

1. Jien twila u safra. Jien __________.
2. Jien safra u qarsa. Jien __________.
3. Jien ħamra, żgħira u għandi għadma kbira.
   Jien __________.
4. Jien ħamra u tikolni mal-ħalib. Jien __________.
5. Jien ħadra u għandi qoxra kannella b'ħafna suf.
   Jien __________.
6. Jien tagħsarni għall-inbid. Jien __________.
7. Jien oranġjo u tikolni felli felli. Jien __________.
8. Jien ħamra, safra jew ħadra u tqaxxarni jew tikolni bil-qoxra.
   Jien __________.

| Pinġi frotta, agħtiha l-kulur u ikteb xi ħaġa dwarha. | |
|---|---|
| | |
| | |
| | |
| | |

Ferrante

# Il-Frott

**Agħżel it-tajba:**

1. Il-(banana, lumija) tkun qarsa ħafna.
2. Il-ħawħa u l-(kiwi, larinġa) għandhom s-suf mal-qoxra.
3. Iċ- ċirasa u l-(larinġa, frawli) huma ħomor.
4. Il-(larinġa, kiwi) tkun oranġjo.
5. Mill-(ħawħa, għeneb) nagħmlu l-inbid.
6. Il-(frott, ħelu) huwa tajjeb għas-saħħa.

**Qabbel l-isem tal-frott mal-istampa u sib il-kliem fit-tisliba:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ħawħa |  | banana |  |
| ċirasa |  | kiwi |  |
| larinġa |  | għeneb |  |
| lumija |  | frawla |  |
| lanġasa |  | tuffieħa |  |

| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Ħ | A | W | Ħ | A | Ċ | I | R | A | S | A | K | F | I | B |
| L | U | M | I | J | A | R | T | U | F | F | IE | Ħ | A | L |
| A | F | R | A | W | L | A | D | N | Ċ | O | K | I | W | I |
| L | A | N | Ġ | A | S | A | S | L | A | R | I | N | Ġ | A |
| B | A | N | A | N | A | T | G | GĦ | E | N | E | B | I | N |

Ferrante

Aqra din l-istorja u wieġeb il-mistoqsijiet fuq il-pitazz.

 Dudu ċkejken kellu l-ġuħ. Ra tuffieħa ħamra  u kielha kollha. Kompla miexi u sab lanġasa.  Il-lanġasa kienet ratba aktar mit-tuffieħa. Id-dudu ra żewġ larinġiet.  Kiel felli wieħed biss. Kemm kien fih meraq din il-larinġ! Kien hemm banana  safra mal-art. Il-dudu qaxxar il-qoxra u kiel biċċa. Kompla miexi. Sab żewġ ċirasiet  u frawla.  Il-frawla kellha ħafna żerriegħa fuq barra. Iżda d-dudu kien għadu bil-ġuħ. Sab ħawħa  tajba u kiwi  ħadra. Sab lumija  safra. Imma din tgħidx kemm kienet qarsa. Fl-aħħar sab ftit għeneb.  L-għeneb kien ħelu manna u għalhekk id-dudu kielu kollu. Id-dudu qabdu n-ngħas u raqad raqda twila. Meta qam kien sar farfett sabiħ. 

1. **Min kellu ħafna ġuħ?**
2. **X'kienet l-ewwel frotta li sab?**
3. **X'kellha differenti l-lanġasa mit-tuffieħa?**
4. **X'kiel id-dudu minn dik il-larinġa mimlija meraq?**
5. **Liema frott kiel dan id-dudu?**
6. **Liema frotta kienet qarsa ħafna?**
7. **Kien tajjeb l-għeneb?**
8. **X'għamel dan id-dudu wara din l-ikla?**
9. **X'sar minnu dan id-dudu meta qam?**

Ferrante

# Ġelat tal-frott




**Biex tkun tista' tagħmel ġelat tal-frott għandek bżonn:**

4 tazzi twal, ġelat, 4 tuffiħat bil-qoxra ħamra, 2 kaxxi frawli, bott żgħir ħawħ imqatta'

## Xi trid tagħmel?



1. Aqsam it-tuffieħ f'erbgħa, neħħi l-qalba u qattagħhom fi flieli rqaq.



2. Poġġi ftit frawli fil-qiegħ ta' kull tazza.



3. Fuq il-frawli itfa' ftit flieli tat-tuffieħ u ħawħ tal-bott.



4. Fil-wiċċ itfa' mgħarfa ġelat.



5. Wara erġa itfa' tuffieħ, ħawħ u fl-aħħar il-ġelat fil-wiċċ.



6. Fuq nett poġġi frawla kbira. Servi mill-ewwel.

Ferrante

# Ġelat tal-frott



1. Semmi l-ingredjenti li għandek bżonn biex tkun tista' tagħmel il-ġelat tal-frott. ____________________

____________________________________________

____________________________________________

2. X'inhi l-ewwel ħaġa li trid tagħmel?____________________

____________________________________________

3. Xi trid tpoġġi fil-qiegħ ta' kull tazza.____________________

____________________________________________

4. Kemm-il darba trid titfa' l-ġelat?____________________

____________________________________________

5. Xi trid titfa' wara li tpoġġi l-ħawħ fit-tazzi? ____________

____________________________________________

6. Xi trid tneħħilhom it-tuffieħ?____________________

____________________________________________

7. Għal kemm-il persuna taħseb li hi din ir-riċetta? ________

____________________________________________

8. Għaliex trid isservi l-ġelat mill-ewwel?________________

____________________________________________



Ferrante

# L-ikel li nieklu

Agħti l-ħafna ta' dan il-kliem u ikteb sentenzi dwarhom.



frotta



frott

laringa - ____________________________________

____________________________________________

żebbuġa - ___________________________________

____________________________________________

bajda - _____________________________________

____________________________________________

ħuta - ______________________________________

____________________________________________

ħobża - _____________________________________

____________________________________________

tadama - ____________________________________

____________________________________________

tiġieġa - ____________________________________

____________________________________________

Ferrante



# Il-Frott



**Ikteb 'iva' jew 'le'**

| | |
|---|---|
| 1. Il-banana hija tonda u ħamra. | |
| 2. Ommi tixtri l-frott mingħand tal-gazzetti. | |
| 3. It-tuffieħa hi frotta bnina u tajba għal saħħitna. | |
| 4. Fix-xitwa nieklu ħafna dulliegħ. | |
| 5. Iċ-ċirasa u l-frawla huma żewġ frottiet ħomor. | |
| 6. L-aktar frotta li nħobb hi l-kaboċċa. | |
| 7. It-tadama hija frotta tajba ħafna. | |
| 8. Il-bidwi jaqta' l-bettieħ mis-siġar. | |
| 9. Issib tixtri kemm għeneb vjola kif ukoll aħdar. | |
| 10. Il-ħawħa hi frotta li nsibu ħafna minnha fis-sajf. | |



Ferrante